DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 49/2008

tal-25 ta' April 2008

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 157/2007 tas-7 ta' Diċembru 2007 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/53/KE tad-29 ta' Awwissu 2007 li temenda id-Direttiva tal-Kunsill 76/68/KEE dwar il-prodotti kożmetiċi għall-iskop li tadatta l-Anness III għall-progress tekniku ([2]), korretta mill-ĠU L 22, 25.1.2008, p. 21, għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/54/KE tad-29 ta' Awwissu 2007 li temenda id-Direttiva tal-Kunsill 76/68/KEE dwar il-prodotti kosmetiċi għall-iskop li tadatta l-Annessi II u III għall-progress tekniku ([3]), korretta mill-ĠU L 258, 4.10.2007, p. 44, għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE) tal-Kapitolu XVI ta' l-Anness II tal-Ftehim.

"— **32007 L 0053**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/53/KE tad-29 ta' Awwissu 2007 (ĠU L 226, tat-30.8.2007, p. 19), korretta bil-ĠU L 22, 25.1.2008, p. 21,

— **32007 L 0054**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/54/KE tad-29 ta' Awwissu 2007 (ĠU L 226, tat-30.8.2007, p. 21), korretta bil-ĠU L 258, 4.10.2007, p. 44,"

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2007/53/KE u 2007/54/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li ser ikunu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 124, 8.5.2008, p. 19.
([2]) ĠU L 226, 30.8.2007, p. 19.
([3]) ĠU L 226, 30.8.2007, p. 21.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-26 ta' April 2008, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu.

Magħmula fi Brussell, 25 ta' April 2008.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
Alan SEATTER

(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.